# HERITAGE MALTA TNIEDI PUBBLIKAZZJONI ĠDIDA

# MINSUĠA MILL-MEMORJI TA’ EKS ĦADDIEMA

# TAT-TARZNA

**Press Release | 11th March 2024**

Heritage Malta għadha kemm nediet pubblikazzjoni li toffri għarfien uniku dwar waħda mill-aktar industriji ikoniċi ta' Malta – it-Tarzna, permezz tat-tifkiriet tan-nies tas-sengħa li ħadmu ġo fiha.

Matul dawn l-aħħar erba' snin, aktar minn 200 siegħa ta' memorji minn eks ħaddiema tat-Tarzna ġew dokumentati bir-reqqa mit-Taqsima tad-Diġitizzazzjoni ta' Heritage Malta, bħala parti mill-akbar proġett ta' wirt intanġibbli li wettqet l-aġenzija sal-lum. L-ewwel 100 reġistrazzjoni issa qed jiġu ppreżentati f'din il-pubblikazzjoni, imsemmija 'The Dockyard from the Workers' Perspective - 100 Interviews'.

Fir-rakkonti rrekordjati, l-eks ħaddiema tkellmu dwar ix-xogħol tagħhom qalb l-għagħa tal-workshops u fil-fond tal-baċiri, bħala parti minn komunità sħiħa ta’ rġiel, b'ħiliet ta' kull tip, li sfidaw il-mewt kuljum. Siltiet minn kull intervista, li jistgħu wkoll jitgawdew b’mod sħiħ billi tiskennja kodiċi QR, minsuġa ma’ numru kbir ta' ritratti għeżież mogħtija b’donazzjoni u stampi ta’ oġġetti li jiffurmaw parti mill-kollezzjoni nazzjonali, jintroduċu lill-qarrej f'din id-dinja li għal bosta hija barranija, magħquda b’sens qawwi ta' fratellanza.

Il-ktieb, madankollu, joffri ħafna aktar minn dak li wieħed jista' jistenna. Fatti inqas magħrufa, bħar-rwol tan-nisa fit-Tarzna, u kurżitajiet interessanti li jorbtu oġġetti mhux mistennija flimkien, bħal-lampi tal-ħadid fondut fi Pjazza Kastilja u l-vara tant maħbuba ta' Ġesù Redentur tal-Isla, fost oħrajn, iwiegħdu esperjenza pjaċevoli waqt li l-qarrej iqalleb il-paġni tiegħu.

Il-pubblikazzjoni tnediet f'attività privata speċjali fil-Mużew Marittimu ta' Malta fil-Birgu, fil-preżenza tal-persuni intervistati. Il-mużew bħalissa qed joffri ħarsa estensiva lejn it-Tarzna ta' Malta fit-taqsima ddedikata lilha fil-wirja immersiva li tnediet dan l-aħħar, ‘An Island at the Crossroads’, li tikkonferma li l-wirt storiku intanġibbli ta’ pajjiżna jiswa mitqlu deheb bħal dak tanġibbli.

Anthony Cassar, il-Kap tat-Taqsima tat-Teknoloġija u l-Iżvilupp tal-Esperjenza fi ħdan Heritage Malta, irrimarka li d-diġitizzazzjoni tal-wirt kulturali tiżgura l-preservazzjoni u l-aċċessibbiltà, billi taċċerta ġejjieni kemm għall-artefatti tanġibbli kif ukoll dawk intanġibbli. L-użu ta' pjattaformi diġitali jippermetti esplorazzjoni remota, li trawwem apprezzament fost komunitajiet diversi għal relevanza dejjiema.

Joseph Meli, voluntier dedikat ta' Heritage Malta u eks maniġer kummerċjali tat-Tarzna, saħaq li l-għan tat-tim tad-Diġitizzazzjoni huwa li jmur lil hinn mill-100 intervista li saru s’issa li, għalkemm ta’ valur, jirrappreżentaw biss kampjun żgħir tal-bosta ħaddiema li għadhom ħajjin mid-Dockyard. It-tragward li huwa mixtieq li jintlaħaq huwa ta' 200 intervista.

Kenneth Gambin, il-Kap tal-Operat ta' Heritage Malta, ikkwota u saħaq li jaqbel bis-sħiħ mal-kliem minqux fuq il-mafkar fid-daħla tat-Tarzna: "Il-ħaddiem li bix-xogħol joħloq, ma jmut qatt", għaliex meta l-bniedem jieħu l-aħħar nifs u jsir parti mill-istorja, iħalli warajh legat – mhux biss ta' oġġetti, iżda wkoll dak intanġibbli u imprezzabbli ta' tifkirietu. Dan il-proġett ta' Heritage Malta hu maħsub proprju biex dawn il-memorji ma jintilfu qatt.

Din il-pubblikazzjoni tista' tinxtara minn kwalunkwe mużew jew sit ta' Heritage Malta, u online hawnhekk https://heritagemalta.mt/store/the-dockyard-from-the-workers-perspective-100-interviews-pre-order/.